MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Numru 342/2007

**Il-Pulizija**
**v.**
**Lawrence Attard**

**Il-Qorti**:
Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Attard (I.D. 15064G) talli nhar id-19 ta' Settembru 2007, gewwa Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex, ghall-habta tat-8:30p.m. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provvisorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-20 ta' Marzu 2007 fuq depozitu ta' Lm500 u garanzija personali ta' Lm1,000 billi kien barra mir-residenza tieghu u gewwa Pjazza San Frangisk kontra l-limitazzjonijiet imposti fl-imsemmi digriet, u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali; il-prosekuzzjoni talbet ukoll ir-revoka tal-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Attard, u ghalhekk l-arrest tieghu mill-gdid;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ta' l-20 ta' Settembru 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Lawrence Attard hati skond l-imputazzjoni

dedotta kontra tieghu, ikkundannatu tlett (3) gimghat prigunerija (bit-tnaqqis tal-perijodu kemm kien ilu jinzamm arrestat), irrevokat id-digriet tal-helsien mill-arrest, ordnat l-arrest mill-gdid ta’ l-istess Attard fil-proceduri l-ohra, u ordnat li s-somom ta’ Lm500 depozitu u Lm1,000 garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Lawrence Attard, minnu pprezentat fid-9 ta’ Ottubru 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat :

L-aggravju ta’ l-appellant hu maghmul jikkonsisti filli, skond hu, il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest – cioe` l-kundizzjonij li jirrinkaza fit-8:00p.m. u l-kundizzjoni l-ohra li ma jersaqx lejn Pjazza San Frangisk – ma kienux dovuti ghal xi forma ta’ sfida lejn l-awtorita` tal-Qorti, izda ”biss minhabba cirkustanzi li ma kellux kontroll fuqhom”.

Din il-Qorti tikkonsidra dana l-appell bhala wiehed altament fieragh. Anke jekk forsi l-appellant ma kellux specifikatament f’mohhu li jisfida lill-Qorti billi jibqa` barra wara l-hin li suppost kellu jkun gewwa u, per di piu`, imur fejn mhux suppost li mar (Pjazza San Frangisk), dak li ghamel l-appellant ghamlu volontarjament u ma kien hemm ebda cirkostanza jew cirkustanzi li fuqhom ma kellux kontroll. Il-hinijiet tal-curfew qeghdin hemm biex jigu skrupolozament osservati u mhux biex wiehed jara kif jivvinta skuzi biex jevitahom. L-istess jinghad ghall-kundizzjoni li dak li jkun ma jersaqx lejn xi post.

F’dan il-kaz ma hemm xejn li a bazi tieghu din il-Qorti tista` imqar tvarja d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti, li hi ineccepibbli minn kull aspett.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dan l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fit-terminu ta’ l-Artikolu 429(2) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant ammenda ta’ hamsin lira

(Lm50), konvetibbli f'ghaxart (10) ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------